Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 2 – IL-ĠIMGĦA 13 TA' APRIL 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Vici Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. Introduzzjoni mis-Sindku

Awgura lis-sur Franco Ciangura li għall-ewwel darba ġie elett bħala Kunsillier kif ukoll bħala Viċi-Sindku fi ħdan dan il-Kunsill. Awgura wkoll lis-sur Larry Buttiġieġ, lis-sur Peter Caruana u lis-sur Stephen Mercieca fejn għall-darba oħra dawn reġgħu ġew eletti. Is-Sindku kompla, f'isem il-Kunsill jirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera kollha li kienu jagħmlu parti mil-Kunsill precidenti, għal ħidma li wettqu fis-Sitt Leġislatura, fejn fost il-ħafna proġetti li saru inbena wkoll iċ-Ċentru Ċiviku. Wara, is-Sindku qal li l-iskop ewlieni ta' dan il-Kunsill hu li jkompli jaħdem għal ġid tar-raħal kif dejjem għamel u fejn il-politika fil-Kunsill ma tissemmix. Hu stieden lis-sur Franco Ciangura u lill-Kunsilliera l-oħra jgħidu kelmtejn ta' l-okażżjoni.

Franco Ciangura rringrazza lill-Kunsill tal-fiduċja li wera fih, fejn għalkemm fil-passat ħadem ħafna mal-Kunsill preċidenti, din ser tkun esperjnza ġdida għalih li jagħmel parti mill-Kunsill. Qabel mas-Sindku fid-diskors tiegħu, u lest li flimkien jaħdmu għal-ġid tar-raħal.

Larry Buttigieg, li għalih hi t-tielet leġislatura fil-Kunsill, irringrazzja lill-Kunsill preċidenti għax-xogħol li rnexxielu jwettaq u ssuġġerixxa li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Joe Camilleri, ex-kunsillier. Il-preżenti qablu ma dan. Qabel mas-Sindku li l-politika qatt ma daħlet fil-Kunsill, fejn il-prijorita tal-Kunsill dejjem kienet u għandha tkun il-ġid tar-raħal.

Peter Caruana rringrazza lill-Kunsill preċidenti fejn il-membri tal-Kunsill dejjem ħadmu minn qalbhom. Huwa ammetta li l-kritika u tixwix mingħand ċertu nies dejjem kien hemm u ser tibqa. Fejn dan isir, huwa ħeġġeġ lill-Kunsill li jikkalma l-affarijiet u joffri li ssir diskussjoni tal-problema waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Stephen Mercieca qabel mal-kumplament tal-Kunsill, fejn feraħ lil Franco Ciangura u awgura ħidma sħieħa lil dan il-Kunsill.

## 2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 3. Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku

- Ilmenti b'riħa tad-dranagg fil-latrina tax-Xatt – l-problema kienet ġejja mill-uffiċċju tal-Forzi Armati, fejn dawn kellhom id-dranaġġ mhux imwaħħal mas-sistema tad-Dranagg. Il-problema issolviet mid-Dipartiment tas-Sanita fil-preżenza tas-Sindku u uffiċċjali sanitarji.

- *Meter* tad-dawl u ilma fl-għassa – dawn ġew installati tul dan ix-xahar.

- Abbozz ta' Liġi fuq *Noise Pollution* – saret laqgħa fil-Ministeru għal-Għawdex, fejn is-Sindku u s-SE attendew għal din id-diskussjoni fuq is-suġġett msemmi.

- Attivita` mill-iSkola Stella Maris fuq Kemmuna – *clean up* mill-istudenti ta' din l-iskola fejn informaw lill-Kunsill li l-iskola għażlet 4 ġranet bi grupp ta' 25 student kull ġurnata, li ser inaddfu parti minn Kemmuna. L-Iskola qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill għal-provista ta' ingwanti u boroż għal-iskart li ser jinġabar. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva. Hawn is-Sindku rringrazzja lill din l-iskola għal din l-inizzjattiva fuq l-indafa.

- Bus Shelter fit-Triq l-Imgarr – korrispondenza bejn Transport Malta u d-Direttur Portelli mill-MGOZ fejn TM qed titlob li jsir xi tip ta' ilqugħ mas-sies biex ma jibqax jaqa ġebel għal-fuq Triq l-Mgarr, fejn kawża ta' dan il-ġebel dejjem qed issir ħsara intensiva lill-*Bus Shelter*. TM informat lill-MGOZ li l-Kuntrattur ta' dawn il-*Bus Shelters* mhux ser jibqa jirranġa dan il-*Bus Shelter* sakemm isiru dawn ix-xogħoljiet minn naħa tal-MGOZ.

- Memo 90/2011 – skema inizzjattivi sportivi 2012 fejn il-board t'Evalwazzjoni approva l-applikazzjoni tal-Kunsill, fejn ġiet mgħotija is-somma ta' €1,500.

- Ittra mingħand l-avukat Carmelo Galea għan-nom ta' Rev. Tarcisio Attard fejn l-imsemmi qed jitlob lill-Gatt Constructions u l-Kunsill Lokali t'Għajnsielem ħlas tad-danni kollha li sofra b'kawża tal-inċidenti li ġara fit-Triq Lourdes fejn kien qed isir xogħol ta' tarmac. Is-Sindku spjega kif l-avukata tal-Kunsill irrispondiet din l-ittra fejn għarfet lill-mintendi li x-xogħol ta' tarmac ma sarx fuq instruzzjoni tal-Kunsill Lokali.

- Permess tal-MEPA fuq il-proġett Ta' Passi – saret reviżjoni tal-kont li jrid jigi mħallas biex tibda tinħadem l-applikazzjoni, fejn mis-somma dovuta ta' €12,000, din naqset għal-madwar €6,000. Il-Kunsill ħallas dan il-kont biex l-applikazzjoni tkompli miexja.

- Reserved Parking
  - Suzan Credland – TM m' approvatx din it-talba.
  - John Weatherburn – TM m' approvatx din it-talba.

- Ittra ta' ringrazzjament mill-Għaqda Drammatika għal-kollaborazzjoni li ta l-Kunsill sabiex jittellgħa d-dramm tal-passjoni *id-Dawl tad-Dinja* fl-1 t'April.

- MEPA – notifikazzjoni b'xi tibdil żgħir fil-proġett fejn qabel kien hemm l-Mgarr Hotel.

- Memo 17/2012 – skema *egov4u* għall-Kunsilli Lokali – il-Kunsill approva li ma jipparteċipax f'din l-iskema. Il-Kunsill qabel iżda li ssir diskussjoni mas-Surmast tal-Iskola tal-Arti biex isiru korsijiet għar-residenti fuq użu ta' kompjuter u internet bażiku.

- Korrispondenza mingħand Transport Malta –
  - Talba għal-*No right turn* fi-Triq l-Mġarr ħdejn Triq Sant Indrija– mhux approvata
  - Sinjali bojod fit-Triq Cordina – approvata
  - *Intersection* fit-Triq Simerat – talba għal-aktar informazzjoni minn TM izda l-Kunsill approva li din it-talba tiġi riversata.
  - *Junction* fl-Area tal-Gudja – talba għal-aktar informazzjoni minn TM, fejn il-Kunsill talab lis-SE tgħaddi din it-talba lill-Perit Scerri.

## 4. Responsabiltajiet mill-Kunsilliera

Għat-tindif u maniġjar tal-iskart is-Sindku ssuġġerixxa u ġie deċiż li kull Kunsillier jieħu ħsieb iż-żona ta' fejn joqgħod. Ir-responsabilitajiet l-oħrajn ġew imqasma hekk:

| **Francis Cauchi** | **Franco Ciangura** | **Stephen Mercieca** | **Peter Caruana** | **Larry Buttigieg** |
|---|---|---|---|---|
| Finanzi u affarijiet legali | Konsultazzjoni mal-Għaqdiet | Ġonna u soft Areas | Edukazzjoni | Bajjiet |
| Ġemellaġġi<br>Storja | Kultura u Storja | Transport u Traffiku | Latrini Pubbliċi | Saħħa u Anzjani |
| Infrastruttura | Relazzjonijiet pubbliċi | | Saħħa u Anzjani | Żagħżagh u Sports |
| Infurzat Lokali | Turiżmu | | | |
| Proġetti tal-EU | Proġetti tal-EU | | | |

## 5. Proġetti għat-tlett snin li ġejjin

- Is-Sindku qal li l-ħidma għandha tkun iffukata l-aktar fuq ir-rapport li ġie mħejji tul s-sena 2011 rigward Lokalita' Sostenibbli. Il-Kunsill iddeċieda li jiffoka fuq l-Enerġija sostenibbli, fejn talab lis-Segretarju Eżekuttiv, flimkien ma Franco Ciangura jaħdmu biex jiġi mfassal pjan ta' konsultazzjoni għar-residenti fuq is-suġġett imsemmi.
- Proġett ta' bini tal-Għajn tal-Hasselin – is-Sindku spjega li suppost dan il-proġett ikun lest qabel il-Festa. Il-Kunsill qed jistenna risposta biex ikompli l-bini ta' l-Ghajn mis-SCH.
- Proġett ta' Rikreazzjoni għal-Familja f' Ta' Passi
- *Embelishment* fil-Pjazza Madonna tal-Loreto
- Jinġab il-permess mill-MEPA għal-pjan ta' żvilupp fil-Bajja tax-Xatt l-Aħmar

**6. Proġett Interreg IVC**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq approvazzjoni tal-Kunsill, hija kienet applikat għal-dan il-proġett tal-Ewropa, li jitratta *Green infrastructure*, fejn huwa ffinanzjat 85%. Hija qalet li l-applikazzjoni tal-Kunsill, flimkien ma għaxar pajjiżi oħra ġiet aċċettata mill-Unjoni Ewropea, fejn l-ewwel konferenza ser issir fin-Netherlands fl-24 u 25 ta' Mejju. Hija nformat lill-Kunsill li dawk il-ġranet mhux ser tkun tista tattendi, izda l-*lead partner*, li huwa n-Netherlands ser jorganizza laqgħa bejnhom u bejn il-Kunsill Lokali Għajnsielem wara li ssir l-ewwel konferenza, fejn jispjega x'ikun intqal. Għal din l-ewwel laqgħa ser jattendu is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva dan.

**7. Post vakant ta' Uffiċċjal Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport imħejji minnha, mis-Sur Kevin Borg, Segretarju Eżekuttiv ta' Rahal Gdid u s-Sur Arthur Perici, Segretarju Eżekuttiv tal-Isla, fejn wara żewġ sensiliet ta' interviews, huma qed jirrakomandaw lis-Sjr Sarah Attard għal-dan il-post. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u li din tibda taħdem ma dan il-Kunsill mit-2 ta' Mejju, 2012.

**8. Triq J. F de Chambray**

Larry Buttigieg issuġġerixxa li tingħalaq Triq Chambray min ħdejn l-Iskola tal-Arti, flokk mill-bidu tat-Triq. Il-Kunsill approva li t-tabelli jibqgħu fil-bidu tat-Triq, iżda l-*barriers* isiru mad-daħla tal-Iskola.

**9. Kera tal-uffiċċju antik tal-Kunsill fil-Pjazza tad-Dehra.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-preżenti li fuq l-uffiċċju l-antik tal-Kunsill kienet saret applikazzjoni l-MEPA biex minn dar isir jintuza bħala uffiċċju tal-Kunsill. Is-sid tad-dar informa lis-Segretarju Eżekuttiv li huwa jrid d-dar lura kif kienet qabel ma beda jikriha l-Kunsill, cioe, bħala dar residenzjali. Għalkemm jaf li l-Kunsill m'għad fadallux użu min dan l-uffiċċju, u jinsab vojt, huwa xorta jrid l-kera ta €850 fix-xahar sakemm dan jerġa jiġi mniżżel residenzjali. Il-Kunsill iċċekja mal-MEPA fejn irriżulta li trid issir applikazzjoni ġdida lill-MEPA ta' *change of use* minn uffiċċju tal-Kunsill għal dar. Is-Sindku qal lil-preżenti li huwa diġa mar fejn il-Perit Emanuel Vella, li kien għamel l-ewwel applikazzjoni, biex issir din l-applikazzjoni mil-ġdid. Is-Sindku kompla jgħid li sadanittant huwa talab li ssir laqgħa mas-CEO tal-MEPA, is-Sur Ian Stafrace għal parir fuq dan il-każ, u jekk hemmx xi mod biex tiġi ffrankata l-kera ta' dan il-post.

**10. *Open Storage* fit-Triq il-Briegħen**

Laqgħa li saret fl-Ufficcju tal-Kunsill bejn is-Sindku u Segretarju Eżikuttiv mat-tlett rapprezentanti tal-MEPA fejn dawn spjegaw lill-preżenti l-iskop tal-proġett tat-twaqqif ta' dan l-*Open Storage*. Saret ukoll *public consultation* fl-NGO Centre, x-Xewkija, fejn il-pubbliku ġenerali, kif ukoll kuntratturi, NGOs u rappreżentant ta' Union kienu mistiedna li jattendu għal din is-sessjoni biex jagħtu l-kummenti tagħhom, biex wara tkun tista issir analiżi fuq

dawn il-kummenti minn naħħa tal-MEPA. Is-Sindku attenda għal-din il-laqgħa ukoll fejn ta l-kummenti tiegħu, li ma kienx jaqbel ma din il-proposta li l-*Open Air Storage* isir fil-post tal-Brieghen, limiti ta' Għajnsielem. Dan għaliex din il-parti tar-raba hi waħda mill-aktar art fertili li hawn fil-gżira ta' Għawdex fejn tipproduċi prodott mill-aqwa. Barra minn hekk l-ilma li hemm riservat taħt din l-art setgħa jiġi kontaminat b'dan il-proġett u fl-istess ħin l-ambjent, inkluż l-arja imniġġsa, kien ser iħalli impatt negattiv fuq ir-residenti ta' triq Mġarr u Triq Cordina.

Il-Kunsill qabel li din il-proposta m'għandix issir f'Għajnsielem għal-diversi raġunijiet. Is-Sindku pprepara ittra lis-Sur Frans Mallia, li hu *Manager* fuq dan il-proġett fill-MEPA, fejn qraha lill-Kunsill għal-diskussjoni u approvazzjoni qabel ma tintbagħat lill-MEPA. Wara li saru xi emendi f'din l-ittra, il-preżenti qablu mal-kontenut li kien fiha u ġie deċiż li tintbagħat lill-MEPA .

## 11. Talbiet mir-Residenti

- Mera żgħira fit-Triq Għajnsielem - approvata
- Mera ħdejn oħra eżistenti bejn Triq Bengħazi u Triq il-Ġnien li turi l-parti t'isfel tat-Triq il-Ġnien - approvata
- Problema tal-ilma fit-Triq Cordina – nerġgħu niktbu lil TM biex tinteħħa biċċa mill-bankina tal-kantunier ta' din it-Triq, u nitolbu lill-Enemalta, GO u Melita biex jimmarkaw l-*wires* li għaddejin jaqsmu din it-triq għal-possibilta li jsir gandott jaqsam Triq Cordina.

## 12. Materji oħra

- Kwotazzjoni mingħand is-sur Paul Stellini ta' żewġ pitturi fir-*reception* tal-Kunsill u ta update tal-Mappa t'Għajnsielem li teħel fin-*Notice* board ta' bejn il-Każin tal-Banda u dak tal-Football – il-Kunsill approva li dawn isiru u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jiftiehem mas-sur Stellini fuq id-daqs tal-pitturi u tal-Mappa.

Franco Ciangura

- Titkisser il-bankina fit-Triq Borg Għarib – il-Kunsill qabel li ssir mill ġdid.
- Tigi mwaħħla mera oħra fil-bidu ta' Triq Għajnsielem li ġiet imkissra – il-Kunsill qabel ma dan.
- Tabelli tal-Lokalita' – is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-aħħar korrispondenza mal-HSBC kienet li għaddeja diskussjoni fuqha. Hija ser terġgħa tiċċekja fejn waslet din id-diskussjoni.
- Staqsa x'poter għandu l-Kunsill fuq il-parkeġġ fit-Terminal tal-Gozo Channel – is-Sindku irrisponda li dak privat, tal-Gozo Channel.
- Għadda suġġeriment li l-Kunsill jiltaqa' ma kull għaqda li hawn fil-lokalita' - Larry Buttiġieġ issuġġerixxa li jsir *get-to-gether* għal rapresentanti minn kull għaqda, fejn wara ssir laqgħa individwali respettivament. Is-Sindku qal li fil-ħames leġislatura dan kien sar b'suċċess u kienu jiltagħqu fiċ-Ċentru taż-Żagħżagħ. Kulħadd qabel ma dan, fejn dan il-*get-to-gether* għandu jiġi ppjanat għal-Ġunju.
- Informa lill-preżenti jekk hux possibli li tittieħed provista ta' dawl mill-uffiċċju tal-Kunsill għal Ta' Passi biex ikunu jistgħu jtellgħu l-ilma bil-pompa. Il-Kunsill qabel li jekk

din tista ssir, japprovaha. Is-Sindku qal lis-Segretaju Eżekuttiv tiftiehem mal-kuntrattur jekk dan hux possibli.

Larry Butiġieġ
- Jitneħħa skoll li waqa fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar.
- Biex titnaddaf il-bajja tax-Xatt l-Aħmar mill-alka u jinkixef ftit ir-ramel.

Peter Caruana
- Fanali maħruqin u miksurin tal-Belvedere fit-Triq Hamri - il-Kunsill qabel li peress li dawn kienu qdiemu u ilhom hemm mil-bidu noħorġu kwotazzjoni biex dawn jinbidlu.

Stephen Mercieca
- Arriva – isir suġġeriment li jkun hemm mini bus li toffri servizz dirett mir-Rabat għal-Għajnsielem u vice versa kuljum bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu.
- *Floodlights* tal-Knisja – nirrapportawhom lill-kuntrattur biex jitranġaw.

13. Tmiem il-Laqgħa

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 10 ta' Mejju fis-5.00 pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-9.50pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv